MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 843/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Arthur Mercieca]**

**[Spettur Sarah Magri]**

**vs**

**Justin Coleiro**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Justin Coleiro detentur tal-karta tal-identita` numru 125292(M).

Akkuzat talli:

1. Matul il-lejl tas-6 ta' Settembru 2014 ghal habta tal-11:00pm gewwa Santa Venera bil-hsieb li jikkommetti serqa minn residenza, wera dan il-hsieb b'diversi atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati;
2. Fil-lejl ta' bejn il-5 u 6 ta' Lulju 2014 gewwa Birkirkara ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema serq huwa aggrevat bil-hin, bil-mezz bil-lok u bil-valur;
3. Matul dawn l-ahhar erbgha xhur gewwa dawn il-gzejjer assocja ruhu ma' persuna jew persuni bil-ghan li jaghmel diversi serqiet f'diversi lokalitajiet.

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 263, 267, 269, 270, 278(3), 10(1) u 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni tal-akkuzi kollha mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu u wara li rat il-fedina penali tal-imputat hija netta, qed issib lill-imputat Justin Coleiro hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

tikkundannah ghal sentejn (2) habs sospizi ghal erba’ (4) snin flimkien ma’ Ordni ta’ Supervizjoni fejn probation officer hekk imqabbad ghandu jiffoka b’mod partikolari sabiex l-imputat isib xoghol adegwat sabiex imantni lilu u lill-familja tieghu.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tas-Supervision Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------